# Il-Gżira Fl-Imgħoddi

Jikteb Tony Micallef

Meta l-Kumitat tal-Każin talabni biex nikteb xi ħaġa fuq dan il-Programm tal-Festa waqaft u ħsibt ftit. Ġietni l-idea li naqsam magħkom ftit tifkiriet tal-Gżira fl-imgħoddi.

Dan qed nagħmlu b'xi ritratti li kien jieħu missieri Ġużeppi (illum mejjet), li għalkemm kien minn Tas-Sliema, għex parti kbira minn ħajtu l-Gżira. Fi tfulitu missieri kien ta' spiss jinżel minn Tas-Sliema biex jilgħab u joqgħod jiġri u jonsob fl-għelieqi. Kien dejjem jirrakkuntali kif Triq Carlo Manchè, it-triq fejn konnna noqgħodu aħna, kien jiftakarha kollha għelieqi. Fil-pjazza, fejn illum hemm il-Poliklinika, missieri, li twieled fl-1904, kien jiftakar sew, kif tul l-ewwel gwerra dinija (1914-1918), mill-Pjazza u tul Triq Carlo Manche', ma kontx tara ħlief kampijiet mimlija b'nies feruti fil-gwerra. Dawk l-inħawi kienu nbidlu fi Sptar magħmul minn ħafna kampijiet.

Insomma se nieqaf nikteb u se nħalli r-ritratti jirrakkuntaw il-mod kif inbidlet l-Gżira tul is-snin.

*Ritratti oħrajn huma meħuda jew minni, jew minn sħabi. Nittama li jogħġbukom.*


1


2


3


4


5


6


7

1. Il-Purċissjoni tad-Duluri għaddejja minn Triq Carlo Manchè. 2. L-Isqof Galea fuq iz-zuntier tal-Knisja fis-snin Ħamsin. 3. Purċissjoni fi Triq Carlo Manchè (dak iż-żminijiet magħrufa bħala Triq L-Oratorju) 4. Il-bitħa tad-Dar Tal-Kappillan mibdula f'Sala Tat-Teatrin mill-Kappillan Manchè. (Missieri t-tieni mil-lemin). 5. L-ewwel Kumitat Tal-Festa Esterna. 6. Ix-Xatt tal-Gżira fis-snin sittin. Jidher ukoll wieħed mill-vapuri hekk imsejħa "Taċ-Ċinizi". 7. Il-palk u tal-ewwel Sala Parrokkjali waqt dramm imtella' mill-Aspiranti tal-Azzjoni Kattolika fl-1965.

studio 95

HAIRDRESSING

SALON

Konrad Bellia

Nazju Ellul Street, Gzira.

Mob: 9929 9585

Opening Hours:
Tuesday to Saturday
08.00 to 12.00
13.00 to 18.00